Imħallef:
10 ta' Marzu, 1947.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Mary Drago et.

**Ilma tal-Bir Imħassar — Art. 21 tal-Kap. 54.**

*Min ikollu l-ilma tal-bir imħassar talment li, fil-fehma tas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, jista' jkun ta' ħsara għas-saħħa, huwa obbligat, wara li jirċievi avviż minn għand dak is-Suprintendent,*

*u fiż-żmien li jiġi lilu mogħti f'dak l-avviż, ineħħi l-ilma mħassar minn dak il-bir. Jekk jonqos, jista' jinġieb quddiem il-Qorti, li tista' tordnalu li jobdi dak l-ordni, u tista' wkoll tagħti kull ordni ieħor meħtieġ biex tiġi evitata l-ħsara għas-saħħa.*

*Fil-każ preżenti l-Qorti żammet li l-imputati kienu ġustifikati jirreżistu l-ordni analogu lilhom mogħti mis-Suprintendent tas-Saħħa Publika, għaliex fiċ-ċirkustanzi tal-każ kien jissuċċiedi illi, malli l-ilma jitneħħa minn dak il-bir, dan jerġa' jimtela b'ilma mħassar, u għalhekk ix-xogħol tat-tnaddif tal-bir kien ikun sar għalxejn; u biex tiġi evitata l-ħsara għas-saħħa, ir-rimedju fil-każ kien li jingħalqu l-bokok tal-bjar ta' l-imputati.*

*Imma l-Qorti żammet ukoll li biex tagħti ordni li jingħalqu dawk il-bokok, kien hemm bżonn li qabel xejn l-imputati jiġu dikjarati ħatjin; u billi fit-termini taċ-ċitazzjoni li saritilhom il-Qorti ma sabithomx ħatjin, lanqas ma applikat dan ir-rimedju; salvo li l-Awtorità Sanitarja toħroġ kontra tagħhom ordni ieħor biex, bħala miżura provviżorja, huma jagħalqu dawk il-bokok.*

L-imsemmijin Drago, Debrincat, Coleiro, Cassar, D'Emmanuele, u Tabone Valletta, ġew miġjubin quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fuq l-imputazzjoni illi, kull wieħed minnhom, naqas illi jneħħi mill-bir tal-fond, rispettivament indikat fiċ-ċitazzjoni partikulari ta' kull imputat, l-ilma li, meta ġie analizzat, instab imħassar. Bis-sentenza tagħha (mogħtija separatament fuq kull ċitazzjoni) il-Qorti t'Isfel, fit-13 ta' Novembru 1946, tat lil kull imputat xahar żmien biex jinforma ruħu mal-liġi, taħt penali ta' 2s. 6d. għal kull jum ta' nuqqas;

Din il-Qorti, b'deċiżjoni unika fuq iċ-ċitazzjonijiet kollha, għar-raġunijiet indikati fil-pronunċja tagħha tat-13 ta' Jannar 1947 (li kopja tagħha hemm fl-inkartament), annullat kull waħda minn dawk is-sentenzi, u fl-istess pronunzja innominat lill-Arkitett u Inġinier Civili Raffaele Pitrè sabiex jirrelata fit-termini hemm traċċjati;

*Omissis;*

Wara li semgħet it-trattazzjoni............, din il-Qorti ta' l-Appell irriflettiet;

Il-każ hu regolat mill-art. 21 ta' l-Ordinanza dwar il-Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali, u Ilma tax-Xorb — Kap. 54— illi sostanzjalment jiddisponi f'dan is-sens: kull meta jiġi

rapportat lis-Suprintendent tas-Saħħa Publika illi l-ilma ta' bir, użat jew li jista' jiġi wżat għax-xorb jew bżonnijiet domestiċi, jew fil-manifattura ta' xorb, hu mħassar talment li jkun ta' ħsara għas-saħħa, allura dan is-Suprintendent għandu jġiegħel li jittieħdu kampjuni minnu; u jekk mill-analisi l-ilma jinsab imħassar, jiġi mibgħut avviż mid-Dipartiment lill-persuna li tniss biex dina tagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa biex jitneħħa d-difett fiż-żmien stabbilit fl-avviż; jekk din il-persuna tonqos, allura l-fatt jiġi rappurtat lill-Pulizija, li għandha ġġib lil din il-persuna quddiem il-Qorti. Jekk il-Qorti, fuq ir-rapport tal-kimiku analitiku tad-Dipartiment, issib li tassew l-ilma hu mħassar, allura għandha tordna lill-imħarrek biex ineħħi l-ilma hekk imħassar mil-bir, u tagħti kull ordni ieħor meħtieġ sabiex tiġi evitata ħsara għas-saħħa;

Issa ġie pruvat, u lanqas ġie kontestat, illi fil-fatt l-ilma ta' dawn il-bjar hu "grossly polluted", u għalhekk ta' ħsara għas-saħħa;

L-eċċezzjoni tad-diversi imputati hi f'dan is-sens: huma ma għamlux ix-xogħol meħtieġ għaliex kien ikun għal ta' xejn, peress illi dawn il-bjar jikkomunikaw ma' ġibjun wieħed komuni, u ma' dan il-ġibjun jikkomunikaw ukoll bjar ta' djar oħra li ġew distrutti bill-bombi matul il-gwerra, u li l-bokok tagħhom jinsabu esposti u mikxufa b'mod li jirċievu l-ilma kontaminat bi trab u materjal ieħor, li jmur ġol-ġibjun u mill-ġibjun ġol-bjar ta' l-appellanti;

Fir-relazzjoni tiegħu, ċara u akkurata, il-perit Pitrè wasal għall-konklużjoni illi l-eċċezzjoni ta' l-appellanti hi konformi għar-realtà, u illi t-tbattil ta' l-ilma, kieku kellu jsir, kwantu għall-bjar ta' l-appellanti jkun xogħol ta' xejn, għaliex ġol-ġibjun, li qiegħed taħt il-fondi mġarrfin bil-bombi, dieħel, kull meta tagħmel ix-xita (kif ikkonferma anki l-appellant D'Emmanuele, li sama' l-ħoss ta' l-ilma dieħel fl-okkażjoni tax-xita li għamlet dan l-aħħar) ilma kontaminat, li jkun ġej minn bejn il-konsunturi tal-paviment tal-kantini u jkun għadda qalb materjal maħmuġ; u li għalhekk, anki jekk il-bjar jitbattlu, l-ilma l-ġdid bilfors ikun kontaminat minħabba l-kommunikazjoni mal-ġibjun. Il-perit, konsegwentement, ikkonkluda illi l-uniku mezz li, provviżorjament, hu prattikabili, hu dak illi, sakemm ma jerġgħux jinbnew id-

djar li għandhom l-ilma kontaminat, jiġu magħluqin bil-ġebel;

Issa ċ-ċitazzjoni ġiet spikkata kontra l-appellanti taħt nuqqas li jneħħu l-ilma mill-bir. Hu ċar mir-relazzjoni (li peress li ssibha sostnuta mill-provi, il-Qorti tadotta) illi l-appellanti ma setgħux jobdu l-ordni li jbattlu l-bjar, għaliex dawn kienu jerġgħu jimtlew bl-ilma kontaminat, u hekk l-istat ta' kontaminazzjoni kien ikompli, non ostanti li jagħmlu x-xogħol lilhom ordnat. F'dawn iċ-ċirkustanzi huma kienu ġustifikati li jirreżistu l-ordni, u l-Qorti ma tistax, fiċ-ċirkustanzi issibhom ħatjin tan-nuqqas lilhom addebitat;

Kif inhi konċepita ċ-ċitazzjoni, il-Qorti ma tistax lanqas tagħti, bħala miżura tutelattiva tas-saħħa publika, l-ordni li jingħalqu provviżorjament il-bokok tal-bjar, għaliex kull ordni simili hu dipendenti mid-dikjarazzjoni ta' reità, u propjament ma jidħolx fit-termini taċ-ċitazzjoni;

S'intendi, il-Kap tad-Dipartiment jista' dejjem joħroġ ordni ieħor, taħt l-art. 21 fuq ċitat, sabiex l-imputati, bħala miżura provviżorja, jagħalqu l-bokok tal-bjar;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddeċidi billi tiddikjara l-imputati mhux ħatjin, u tordna li jiġu liberati.